# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM, it-Tnejn 19 ta' Ġunju, 2017

**Rik. Nru. 766/17JRM**

Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 766/17 fl-ismijiet:

Thomas **CORTIS** u martu Anna Cortis

vs

Joseph **FARRUĠIA**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fid-19 ta' Mejju, 2017, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, ir-rikorrenti talbu li l-Qorti żżomm lill-intimat milli jarma bil-vann tiegħu bħala bejjiegħ tal-ħaxix maġenb il-gabbana tagħhom fir-*roundabout* ta' Fleur de Lys u kif ukoll milli jarma l-imsemmi vann tiegħu fi Triq Salvu Psaila, f'Birkirkara fejn ikunu armati huma bil-vann tagħhom;

Rat id-degriet tagħha tad-19 ta' Mejju, 2017, li bih laqgħet it-talba b'mod provviżorju, ordnat in-notifika lill-intimat bi żmien għat-tweġiba u qiegħdet ir-rikors għas-smigħ tat-8 ta' Ġunju, 2017;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimat fl-1 ta' Ġunju, 2017, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, laqa' għat-talba tar-rikorrenti billi qal li ma jeżistux l-elementi mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat mitlub;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tar-Rikors;

Rat id-degriet tagħha tat-8 ta' Ġunju, 2017, li bih ħalliet ir-Rikors għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

Illi tqis li r-rikorrenti jridu li jinħareġ il-Mandat biex l-intimat jitwaqqaf milli jarma jbigħ minn fejn ikunu qegħdin ibiegħu huma;

Tqis li kemm ir-rikorrenti[1] u kif ukoll l-intimat[2] għandhom il-permessi mill-awtoritajiet biex ibiegħu l-ħaxix mit-toroq;

Tqis li r-rikorrenti jgħidu li jarmaw kemm fi Triq l-Imdina, fi Fleur de Lys u kif ukoll fi Triq Salvu Psaila, f'Birkirkara;

Tqis li l-intimat jgħid li ilu x-xhur li waqaf jarma fi Fleur de Lys u ma jarmax fi Triq Salvu Psaila, imma fi Triq il-Ferrovija, f'Birkirkara, f'bogħod ta' aktar minn ħamsin (50) metru minn fejn ikunu armati r-rikorrenti;

Tqis li fl-4 ta' Mejju, 2017[3], ir-rikorrenti ressqu rapport lill-Ispettur tal-Għassa tal-Ħamrun kontra l-intimat biex jibgħat għalih u jwissih u biex, jekk jibqa' jonqos, iressqu l-Qorti;

Tqis li l-għan ta' talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel xi ħaġa li tkun li tista' tkun ta' ħsara lill-parti li titlob il-ħruġ tal-mandat[4];

Tqis li bil-liġi, jeħtieġ li r-rikorrent juri żewġ ħwejjeġ biex ikun jistħoqqlu jikseb il-ħruġ ta' Mandat bħal dak. L-ewwel ħaġa li jrid juri hi l-mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi mir-rikorrent. It-tieni ħaġa hi li

[1] Dokti "A" u "B", f'paġġ. 3 – 7 tal-atti
[2] Dok "AA", f'paġ. 26 tal-atti
[3] Dok "Ċ", f'paġ. 8 tal-atti
[4] Art. 873(1) tal-Kap 12

r-rikorrent ikun jidher li għandu, mad-daqqa t'għajn (*prima facie*) dawk il-jeddijiet. Il-ħtieġa li jintwera li l-parti li titlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dan ikollha *prima facie* l-jeddijiet pretiżi hija ħtieġa oġġettiva u mhux soġġettiva li tiddependi mid-diskrezzjoni tal-ġudikant[5]. Tali jedd jew jidher mad-daqqa t'għajn jew, għall-finijiet ta' dan il-Mandat, ma jeżistix;

Tqis li, minn kliem il-liġi nfisha, iż-żewġ elementi huma kumulativi u mhux alternativi. Jekk xi wieħed minn dawn iż-żewġ elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak. Siewi wkoll li wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-proċedura li hija maħsuba biex titqies talba bħal din huwa mixtieq li tkun waħda sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dak kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigħ tal-kawża dwar l-istess jedd. Huwa għalhekk li llum il-liġi nbidlet u stabiliet żminijiet qosra u preċiżi li fihom it-talba għall-ħruġ ta' dan il-Mandat għandha jew tintlaqa' jew tiġi miċħuda[6];

Tqis li minn dan joħroġ li l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provediment legali[7]. Il-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma tintlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għemil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu fil-waqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat;

Tqis li l-jedd li fuqu r-rikorrenti jsejsu t-talba tagħhom għall-ħruġ tal-Mandat jidher li huwa dak li l-liġi tqiegħed kundizzjoni li żewġ bejjiegħa fit-toroq minn post fiss ma jistgħux jarmaw f'bogħod bil-mixi ta' anqas minn ħamsin (50) metru minn xulxin[8];

Tqis li f'każ bħal dak, il-liġi tistabilixxi x'għandu jsir biex qagħda bħal din ma tibqax wara li jkun instab min miż-żewġ bejjiegħa jkun wasal l-aħħar f'dak l-imkien u liema minnhom imissu jwarrab għal band'oħra 'l bogħod minn tal-anqas ħamsin metru bil-mixi minn min minnhom ikun wasal hemm l-ewwel;

---

[5] App.Ċiv. **14.7.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Grech pro et noe vs Manfre'*** (Kollez. Vol: **LXXII.ii.290**)
[6] Art. 875(3) tal-Kap 12
[7] Ara, Kumm. **22.9.1994** fl-Att tar-Rikors fl-ismijiet ***Anġelo Xuereb vs Marin Ħili***
[8] Ara reg. 29(2)(e) tal-A.L. 420/16 (L.S. 441.07)

Tqis li sakemm kull wieħed mill-partijiet jasal l-ewwel fil-post, it-tnejn li huma jgawdu l-istess jedd, u ma jistax preventivament jingħad li tali jedd jispetta lir-rikorrenti jew lill-intimat;

Tqis għalhekk li l-jedd mad-daqqa t'għajn li jgawdu r-rikorrenti huwa limitat għal dik iċ-ċirkostanza biss fejn huma jkunu ramaw f'post qabel il-wasla hemmhekk tal-intimat;

Tqis li, sa dan l-aspett, l-element tal-jedd '*prima facie*' jirriżulta u l-intimat ma jiċħadx dan, għaliex huwa jisħaq li qiegħed jarma f'bogħod ta' aktar minn ħamsin metru 'l bogħod minn fejn jarmaw ir-rikorrenti. Dan juri li huwa jagħraf li ma jmissux jersaq qrib ta' fejn ikunu ramaw ir-rikorrenti;

Tqis, madankollu, li b'rabta mal-ħtieġa li jintwera l-jedd mad-daqqa t'għajn favur il-parti li titlob il-ħruġ tal-Mandat, irid jintwera wkoll li l-parti rikorrenti tkun tista' tmexxi 'l quddiem l-azzjoni tagħha biex tikseb ir-rimedju tal-jedd imsemmi fil-Mandat fiż-żmien li tagħti l-liġi[9]. Dan jingħad għaliex ma jkunx jista' jingħad, għall-finijiet tal-ħruġ tal-Mandat, illi d-dritt '*prima facie*' jispetta lill-parti rikorrenti jekk kemm-il darba mad-daqqa t'għajn ikun jidher li l-pretensjoni dwar l-istess jedd ma tistax titressaq quddiem din il-Qorti[10]. Fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, ir-rikorrenti ma wrewx x'għamla ta' azzjoni jistgħu jieħdu mill-aspett ċivili;

Tqis ukoll li l-element tal-ħtieġa tal-ħruġ tal-Mandat jimplika xi ħaġa iżjed minn skomdu jew diffikulta' għall-parti li tkun talbet il-ħruġ ta' dak il-Mandat[11]. Il-preġudizzju li l-parti rikorrenti tkun trid twaqqaf irid ikun wieħed li ma jkunx hemm rimedju ieħor għalih jekk mhux bil-ħruġ tal-Mandat;

Tqis li kemm hu hekk huwa stabbilit li jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu[12], jiġi nieqes it-tieni element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Dan jgħodd ukoll jekk kemm-il darba l-ħsara li tallega li qiegħda ġġarrab parti rikorrenti tkun tista' titneħħa għal kollox wara stħarriġ bħal dak fil-mertu wkoll quddiem organi ġudizzjarji[13];

---

[9] Art. 843(1) tal-Kap 12

[10] P.A. PS **27.6.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Victor Vassallo vs Edwin Bartolo noe et***

[11] Kumm **26.5.1995** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Cassar Pulliċino noe vs Caruana Curran noe*** (Kollez. Vol: **LXXIX.iv.1387**)

[12] P.A. AM **2.1.1993** fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet ***Avukat Victor Borġ Grech vs Joseph Gasan et noe***

[13] Kumm. JDC **8.1.1993** fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet ***Victor Mizzi vs Joseph Gasan et noe et***

Għalhekk, il-Qorti tasal għall-fehma li r-rikorrenti ma seħħilhomx juru li jeżistu l-kundizzjonijiet mistennija mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat minnhom mitlub;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-talba** tar-rikorrenti għall-ħruġ tal-Mandat, billi ma jeżistux l-elementi meħtieġa għall-ħruġ tiegħu;

**Tħassar** ***contrario imperio*** d-degriet tagħha tad-19 ta' Mejju, 2017, safejn kienet laqgħet it-talba b'mod provviżorju; u

**Tordna** li r-rikorrenti jħallsu l-**ispejjeż ta' din il-proċedura**.

Mogħti kameralment illum, it-Tnejn id-19 ta' Ġunju, 2017.

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**Carmen Scicluna**
**Deputat Registratur**